## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

### Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

### Seduta ta’ nhar il-Erbgha, 20 ta’ Jannar, 2016

**Talba Nru: 264/2015 DMA**

**Argus Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**Dolphin Industrial Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' April, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet:

1. Nhar l-20 ta' Gunju, 2014, is-socjeta' attrici, fuq l-istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, harget favur l-istess socjeta' konvenuta polza ta' assigurazzjoni tat-tip Buisness Select Policy bin-numru PI4BS00092;

2. Peress illi s-socjeta' konvenuta' baqghet ma hallsitx il-premium dovut in konnessjoni mal-hrug tal-imsemmija polza, is-socjeta' attrici kkancellat l-istess polza u

konsegwentament ikkancellat il-premium u l-policy fee illi kienu dovuti mis-socjeta' konvenuta;

3. Madanakollu, is-socjeta' attrici ma rnexxielhiex tirkupra l-boll, ammontanti ghal elf, tliet mija u tmienja u tletin Ewro u erbghin centezmu (€1,338.40) illi hija hallset ghan-nom u fuq istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-hrug tal-polza tal-assikurazjzoni u skont il-ligi;

4. Ghaldaqstant is-socjeta' attrici ghandha id-dritt illi tirkupra minghand is-socjeta' konvenuta l-ammont ta' elf erba' mija u tmienja u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,438.55) rapprezentanti in kwantu  ta' elf, tliet mija u tmienja u tletin Ewro u erbghin centezmu (€1,338.40) l-boll minnha sborsat ghan-nom u fuq l-istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u in kwantu l-ammont ta' mitt Ewro u hmistax-il centezmu (€100.15) l-ispejjez gudizzjarji inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-ittra ufficjali pprezentata bhar l-14 ta' Novembru, 2014 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet Argus Insurance Agencies Limited noe vs Dolphin Industrial Services Limited, liema ittra ufficjali baqghet qatt ma giet notifikata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali  mid-data tal-prezentata ta' dana l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fis-16 ta' Settembru, 2015 fejn eccepiet illi l-konvenut mhux edottot mill-fatti. Illi bejn il-partijiet qatt ma' kien hemm obbligi kumtnottwali u l-konvenut ma jistax jifhem minn fejn tirrizulta din it-talba.

Il-konvenut jirriserva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehed permezz ta' affidavit Albert Cardona li spjega illi s-socjeta' attrici li spjega illis-socjeta' attrici harget polza ta' assikurazzjoni favur is-socjeta' konvenuta liema polza baqghet ma thallsitx mis-socjeta' konvenuta. Ghalhekk il-polza twaqfet pero l-boll li s-socjeta' attrici hallset lil Island Revenue baqghet ma rkupratux. Ix-xhud qal illi l-invoice

inharget lil Island Insurance Brokers peress illi krew intermedjarju. In kontro ezami qal ukoll illi bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta ma kienx hemm relazzjoni ghaliex dejjem kellmu lill-intermedjarju.

Is-socjeta' attrici baqghet ma pprezentat ebda dokument fejn juru li s-socjeta' konvenuta personalment jew permezz ta' intermedjarju qabdet lis-socjeta' attrici tohrog polza ta' assikurazzjoni.

Xehed Daniel Farrugia Direttur tal-Kumpanija konvenuta li spjega dan.

It-Tribunal in vista tal-provi mressqa quddiemu u peress illi ma ngabitx il-provi li l-intermedjarju tqabbad mis-socjeta' konvenuti.

In vista tal-fatt ukoll illi s-socjeta' attrici avdat socjeta' konvenuta u harget il-polza ta' assikurazzjoni ma jisgurawx jew jorbot il-ftehim sabiex il-klijient ihallas.

Fid-dawl ta' dan kollu it-Tribunal ma jistax jilqa' it-talba attrici ghaliex din ma ssostantjatx l-ingagi mis-socjeta' konevuta jew mill-intermedjarju.

Ghalhekk it-Tribunal jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**